# FARAĠ

Ħsibtek ħabib ftaħt qalbi kollha miegħek;
'ma wisq malajr l-imrar tad-dinja sqejtni;
fil-jiem tad-dieq bsart li nistrieħ ma' driegħek.
iżda, qarrieq, fil-jiem tad-dieq, ħallejtni.

Bi ħlewwa kieku ta' ħabib tismagħni
kont, meta jiena ġejt nafda għommti miegħek:
int bi tbissima ħelwa kont tilqagħni
li tisraq lill-qlub safja w-mhux lil tiegħek.

Emmint tbissimtek: emmint ukoll bħal ibleh
il-qerq ta' fommok għax ħsibt li kien is-sewwa;
min qatt kien jobsor li għamil hekk ikreh
seta' jinħeba taħt suriet il-ħlewwa?

Taf xejn x'għamilt b'imġibtek hekk ħajjiena?
int tlift ħabib u ħlist minn għadu jiena.

Karm. Vella

Jannar 1933